MALTA

# QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 279/2010

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Settembru 1991, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal; li l-kunsens matrimonjali taz-zewg partijiet kien vizzjat fit-termini tal-artikolu 19[1] [d] u [f] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null; ghaldaqstant l-attrici qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejniethom fl-imsemmija data, kif ukoll tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv; bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa li z-zwieg huwa null, izda ghal dan hija responsabbli

unikament l-attrici u ghall-istess ragunijiet indikati fl-artikolu precitat;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partjiiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null fit-termini tal-artikoli fuq citatati, bi htija unika tal-konvenut li minn naha tieghu jattribwixxi t-tort unikament lill-attrici.

**Il-Fatti**

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Settembru 1991, wara li kienu ilhom johrogu flimkien circa 5 snin, u meta l-attrici kellha 23 sena u l-konvenut kellu 28 sena.

Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, Kurt u Roxanne, rispettivament fit-30 ta' Lulju 1992, u fis-7 ta' Marzu 2002.

Wara konvivenza matrimonjali ta' circa 15-il sena, il-partijiet isseparaw de facto, u fit-22 ta' Gunju 2006 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali.

*Verzjoni Attrici*

L-attrici, tghid li hi ma xtaqitx tizzewweg f' dak iz-zmien peress li kienet ghadha zghira, izda tant kienet imdejqa fid-dar tal-genituri taghha li accettat li tizzewweg biex tehles mid-dixxiplina stretta ta' missierha.

Tghid li sa miz-zmien tal-gherusija l-konvenut kien jilaghab il-loghob tal-azzard, u kien anke jixrob, u dan il-fatt kien idejjaq lill-attrici tant li matul l-gherusija hija kienet hassret ghal xi zmien ir-relazzjoni, izda wara ftit regghet bdiet tohrog mal-konvenut wara li dan kien ipprometthielha li ma kienx ser jibqa' jilghab.

L-attrici tghid li wara z-zwieg skopriet li l-konvenut kien dahaq biha, ghax xorta wahda kien baqa' jilghab, u anke jixrob; kien aggressiv maghha, kemm fl-atteggjament tieghu kif ukoll fil-kliem, u anke matul ir-relazzjonijiet intimi; kien ihalliha nieqsa mill-flus, tant li kienet tmur tahdem sabiex tghin lilha nnifisha u tlahhaq mal-ispejjez tal-familja, u kellha hafna ghajnuna minn ommha. L-attrici tghid li l-inkwiet matrimonjali beda mill-bidu nett taz-zwieg.

*Verzjoni Konvenut*

Minn naha tieghu l-konvenut cahad dak imputat lilu mill-attrici. Jghid li mhux minnu li hu kellu l-vizzju tal-loghob jew li kien jabbuza mix-xorb alkoholiku. Ir-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu tajbin u li z-zwieg kien wiehed normali, tant li kellhom zewgt itfal u li t-tieni wild, li twieled fis-sena 2002, kien ippjanat. Huwa jichad li kien aggressiv ma' martu, jew li kien ihalliha bla flus, tant li, avolja martu qatt ma hadmet fiz-zwieg huwa kien jixtrilha dak li riedet, u anke ghandha karrozza taghha.

Il-konvenut jispjega li r-relazzjonijiet matrimonjali bdew imorru lura ftit wara li hu skopra li l-attrici kellha relazzjoni ma' terza persuna.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti tosserva li l-oneru tal-prova tal-fatt jirrisjedu fuq minn jallega dak il-fatt. Ghalhekk f' dan il-kaz kien jispetta lill-attrici li tipprova dak allegat minnha fil-verzjoni tal-fatti moghtija minnha. F' dan il-kaz il-Qorti tosserva li, ghalkemm il-verzjoni taghha ssib grad ta' konfort fl-affidavits tal-genituri taghha, din tinsab kontraddetta mill-konvenut li cahad il-fatti allegati mill-attrici fil-konfront tieghu, u attribwixxa t-tifrik taz-zwieg ghal relazzjoni extra-matrimonjali da parti ta' l-attrici.

Il-Qorti, wara ezami tal-provi, hija tal-fehema li l-attrici ma rnexxilhiex tipprova li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet, jew ta' xi parti, kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati. Inoltre, il-fatt li l-konvivenza matrimonjali damet circa 15-il sena, li matulhom il-partijiet kellhom

zewgt itfal li l-izghar wild twieldet circa 10 snin wara d-data taz-zwieg, ikompli jdghajjef il-kaz kontra l-attrici.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------